# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' Jannar 2017**

**Kawza Numru : 24**
**Rikors Guramentat Numru : 492/2016/LSO**

**Prim Imhallef Emeritus Giuseppe Mifsud Bonnici u martu Maria Mifsud Bonnici, karta ta' identita` 258332M u 523436M rispettivament**

**vs**

**Pawlu Camilleri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Prim Imhallef Emeritus Guseppe Miufsud Bonnici karta ta' l-identita` 258332M u Maria Mifsud Bonnici, karta ta' identita numru 523436M datat 20 ta' Gunju 2016 fejn esponew: -

Illi permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Paul Pullicino datat 18 ta' Dicembru 1972 - Dok A - r-rikorrent akkwista b'titolu ta' enfitewsi kostruzzjoni konsistenti f'arkata, erba' alkovi, zewgt ikmamar u kostruzzjonijiet ohra, li jinsabu fi Triq il-Gudja, Gudja. Din il-proprjeta` tidher fil-pjanta li qed tigi annessa Dok B;

Illi f' April 2016, il-konvenut abbuzivament u illegalment wettaq xi xoghlijiet fil-proprjeta` tar-rikorrent, billi fost l-ohrajn fetah bieb mill-proprjeta` tieghu ghal fuq il-proprjeta` tar-rikorrenti, beda jkahhal u jbajjad kamra antika fil-proprjeta` tar-rikorrenti, u ghalaq access li kien hemm minn din il-kamra ghal bqija tal-proprjeta` tar-rikorrenti.

Illi din il-kamra hija proprjeta` tar-rikorrenti u l-intimat ma kellhu ebda dritt li jaghmel jew jeffettwa dawn x-xoghlijiet abbuzivi u illegali fil-proprjeta` tar-rikorrenti.

Illi in forza ta' digriet moghti minn din il-Onorabbili Qorti fil-1 ta' Gunju 2016, fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 578/2016MH - Dok C - l-intimat gie inibit milli jkompli jeffettwa kull tip ta' xoghol u/jew kostruzzjoni fil-proprjeta` tar-rikorrenti u milli jidhol fil-proprjeta` tal-istess;

Illi minhabba l-imsemmi agir abbuziv u illegali da parti tal-intimat, ir-rikorrent sofra minn molestja gravi u hsara konsiderevoli fil-proprjeta` tieghu *stante* li din kienet kamra antika li issa hija miksija bil-konkos;

Ghaldaqstant jghid lill-intimat ghaliex din il-Onorabbli Qorti m'ghandhiex -

1. Tiddikjara li l-agir tal-intimat jikkostitwixxi molestja fil-pussess tal-proprjeta` tar-rikorrenti;

2. Tikkundanna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju jirripristina l-kamra li fiha huwa ghamel ix-xoghlijiet u li hija parti mill-proprjeta` tar-rikorrent, fl-istat li kienet fiha qabel il-molestja imwettqa minnu, okkorrendo taht s-supervizjoni ta' perit nominandi, jekk ikun il-kaz;

3. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex fin-nuqqas tal-intimat u ghas-spejjez tal-istess intimat, jaghmlu huma x-xoghlijiet necessarji u dan taht s-supervizjoni ta' perit nominandi, jekk ikun l-kaz.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 578/2016MH, li minn issa l-intimat qed jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2016.

Rat id-digriet tal-Qorti a fol 23 tal-process fejn ir-risposta guramentata ta' Pawlu Camilleri pprezentata fil-31 ta' Awwissu giet sfilzata fit-18 ta' Ottubru 2016.

Rat ir-rikors ta' Pawlu Camilleri datata 31 ta' Awwissu 2016 (fol 29) fejn l-esponenti talab lill-Qorti biex jigi kkjamat f' din il-kawza l-Ufficcju Kongunt ghall-finjiet u l-effetti kollha tal-ligi; u l-Qorti ordnat in-notifika, rat ir-risposta datata 22 ta' Settembru (fol 32); u cahdet it-talba.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2016 fejn meta issejhet il-kawza dehret Dr Anna Mifsud Bonnici ghar-rikorrenti u Dr Andre` Borg ghall-intimat prezenta fl-Awla. Il-Qorti rat li r-risposta guramentata giet ipprezentata tardivament, u ordna l-isfilz tal-istess mill-atti tal-kawza. Dr Borg iddikjara li ser jirregola ruhu dwar il-kontumacja tal-intimat. Il-Qorti halliet il-kawza ghal dan l-iskop ghad-29 ta' Novembru 2016.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 29 ta' Novembru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Xehed bil-gurament tieghu Pawlu Camilleri, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, fuq ir-rikors tal-intimat ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Jannar 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi bir-rikors tieghu datat 10 ta' Novembru 2016, il-konvenut fil-kawza talab li jinghata l-opportunita` biex jiggustifika l-kontumacja tieghu u jigi awtorizzat li jressaq risposta guramentata jekk din il-Qorti takkolji t-talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja.

Illi skont l-**artikolu 156 tal-Kap 12** tal-ligijiet ta' Malta, l-legislatur fisser ir-rekwiziti tar-rikors guramentat fosthom:

*"(1) (d) f'kull rikors guramentat ghandu jkun hemm stampat b'ittri cari u precizi taht l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li gej:*

*"Min jircievi dan ir-rikors mahluf kontra tieghu ghandu jipprezenta r-risposta mahlufa tieghu fi zmien ghoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioe` minn meta jirceviha. Jekk ma tigix ipprezentata r-risposta mahlufa bil-miktub kif trid il-ligi saz-zmien imsemmi, il-Qorti tghaddi biex taghti d-decizjoni skont il-ligi. Ghalhekk huwa fl-interess ta' min jircievi dan ir-rikors mahluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'ghandu xi jghid fil-kawza*."

L-**artikolu 158 (10) tal-Kap 12** tal-ligijiet ta' Malta jiddisponi:

*"(10) Jekk il-konvenut jonqos li jipprezenta r-risposta guramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeciedi l-kawza bhallikieku l-konvenut baqa' kontumaci kemm-il darba ma jippruvax ghas-sodisfazzjoni tal-qorti raguni tajba li ghaliha naqas li jipprezenta r-risposta gurmanetata*

*fiz-zmien li jmiss. Il-Qorti ghandha, madankollu, qabel ma taghti s-sentenza, taghti lill-konvenut zmien qasir li ma jistax jiggedded biex fih jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruhu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet ghandhom jigu notifikati lill-attur li jkollu zmien qasir biex jirrispondi."*

Id-decizjoni gwida f'materja ta' kontumacja hija dik fl-ismijiet "**Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo**" deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Mejju 1937 (Vol. XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja:

*(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;*
*(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*
*(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi ppruvata kawza gusta;*
*(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisiti f'impediment legittimu;*
*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;*
*(6) L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;*
*(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun kif intqal, "una necessita` impellante di chiamata ad altri doveri imprescendibili",*
*(8) l-impossibilita` li wiehe djidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezjonalment biss tista' tkun morali." (Dawn l-istess*

*principji gew rbaditi wkoll fis-sentenza **Joseph Naudi Montalto vs Emanuel Xuereb**, deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fis-27 ta' Frar 1995 u fil-kaz **Tal Franciz Construction Limited vs Michale Ciappara**, P.A. (1163/2012) deciza fil-31 ta' Mejju 2013.*

Riferibbilment ghal dawn il-principji, inghad ukoll, li dawn ghandhom jigu applikati fl-isfond tal-insenjament li l-istitut tal-kontumacja ghandu l-origini tieghu bhala mizura ta' dixxiplina lejn l-awtorita` tal-Qorti u sanzjoni ghan-nuqqas ta' rispett lejn din l-awtorita'. (Ara **Francis Cutajar vs Mariano Farrugia et** (586/2010) - deciza fil-5 ta' Mejju 2011, u **Macpherson Meditterannean Ltd. vs Godwin Gatt Suban et**, P.A. (2409/97) deciza fil-21 ta' April 1999).

Fil-kawza fl-ismijiet **Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited,** deciza fit-28 ta' Jannar 2005, il-Qorti tal-Appell irriteniet izda li:

"*L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu - ta' natura punittiva - huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jsithoqqlu piena- dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali. Dik il-prezenza tal-imharrek - fatt fih innifsu pozittiv- hija invece mehtiega bhala parti mill-indagini li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew*

*le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola." (Ara wkoll* ***Vella pro et noe vs Vella****, Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII- II-170);* ***Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici,*** *deciza mill-Qorti tal-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975,* ***Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul****, deciza mill-Qorti tal-Appelll (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999).*

Illi fir-rikors tieghu l-konvenut sostna li kien hemm impediment indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci. Gie rilevat li r-risposta giet ipprezentata tardivament *stante* li l-avukat difensur tal-intimat kien imsiefer ghal ragunijiet familjari u amministrattivi, u minhabba din ic-cirkostanza l-intimat ma setax jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu, u ghalhekk meta r-risposta giet ipprezentata *fuori termine,* dan ma kienx dovut ghal agir kolpuz da parti tal-intimat.

Il-fatt innifsu li l-avukat difensur kien imsiefer, fil-fehma tal-Qorti, ma jiggustifikax il-fatt li l-intimat kien tardiv fil-prezentata tar-risposta. Inoltre x-xhiedha tar-rikorrent odjern kienet konfliggenti ma dak minnu dedott fir-rikors. F'kull kaz tqies li r-rikors guramentat fih it-twissija tat-terminu ta' ghoxrin (20) gurnata ghall-prezentata tar-risposta. Fit-trattazzjoni l-intimat qal li ma jafx jaqra izda l-ebda prova ma tressqet fuq dan il-punt. Il-Qorti tifhem li l-Avukat kien spjegalu dwar it-terminu moghti ghar-risposta billi skont kif l-intimat xehed in kontro-ezami mar ghand l-avukat "malli rcevihom".

Ikkonsidrat r-rizultanzi tal-fatturi fil-kaz in ezami, ma jirrizultax li kien hemm “zball genwin” li jista’ jiggustifika l-kontumacja. Illi meta xehed l-intimat , qal li meta rcieva l-atti, jiftakar li kien fiz-zmien tas-sajf, u qal ukoll li meta rcieva l-karti mar ghand l-avukat u dan tal-ahhar spjegalu id-dokumenti li kien ircieva. Ghalhekk, dak li qed jikkampa fuqu l-intimat permezz tar-rikors tieghu fir-4 paragrafu u cioe` li ma setax jaghmel kuntatt mal-avukat peress li kien barra minn Malta ma jregix u sahansitra huwa kontradett mix-xhieda *viva voce* tieghu stess. Ghalhekk, fil-kaz in ezami, ma jistax jinghad li kien hemm “zball genwin” u mhux *culpa* jew negligenza ingustifikabbli da parti tal-intimat.

Din il-Qorti ma inghatat l-ebda prova dwar id-data meta fittex il-parir tal-Avukat. Lanqas xehed l-istess Avukat izda fit-trattazzjoni ta taghrif fejn qal li meta gie l-intimat "*rajna li ovvjament din hija kawza li riedet titwiegeb. Iz-zmien partikolari kien ix-xahar ta' Awwissu fejn l-ufficcju taghna kien fil-ferjat u konna qeghdin naraw biss affarijiet urgenti...".*

Din il-Qorti frankament ma tistax tifhem kif dan jista' jigi accettat bhala difiza fil-kaz odjern. Ir-responsabbilita' ewlenija biex iwiegeb fit-terminu legali jispetta lill-parti fil-kawza. F'dan il-kaz l-intimat ma jistax jinheba wara l-avukat ghaliex jaf jghodd sa ghoxrin gurnata. Jekk l-Avukat tieghu kellu jsiefer xorta baqa' jinkombi fuq l-intimat li jipprezenta r-risposta fit-terminu statutorju - li ma ghamlux. Taqbel ghalhekk ma’ dak sottomess mill-atturi li l-izball ma kienx wiehed invincibbli u li f'dan il-perjodu seta' facilment

ghamel kuntatt ma' avukat iehor biex jirraprezentah ghall-fini tar-risposta guramentata.

Jigi nnotat li x-xhieda tal-intimat hija pjuttost skarsa. Ma jispjega xejn dwar id-dewmien tieghu - prova li tinkombi fuqu.

Jigi osservat li l-intimat kien prezenti l-Qorti fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2016, flimkien mal-avukat difensur tieghu. Izda, l-prezenza fl-Awla biss mhijiex sufficjenti peress li hu essenzjali r-rekwizit l-iehor li jirrispondi formalment bin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu. Illi l-kontumacja trid titqies minn zewg aspetti, dak formali u dak sostanzjali (u cjoe` l-assenza mill-udjenza tal-Qorti). (Ara **Joseph Aquilina et vs Lino Debono** - Appell Civili deciz fis-7 ta' Ottubru 1997, u **Maria Zammit et vs Agostino Zammit**, P.A. (RCP) (1314/2000/2) deciza fil-11 ta' Marzu 2003.

Ikkonsidrat ukoll, dak sostnut fir-rikors tal-konvenut li huwa ghandu kull interess jikkontesta r-rikors ghall-fini tal-integrita` tal-gudizzju permezz tal-kjamata in kawza ta' l-Ufficju Kongunt. Madankollu, dan mhuwiex il-punt li jrid jigi evalwat u ezaminat fl-atti ta' dan ir-rikors billi l-integrita' tal-gudizzju tista' anke tigi sollevata mill-Qorti *ex officio.* F'kull kaz l-istess atturi ddikjaraw fir-risposta taghhom ghar-rikors odjern li ghall-fini tal-integrita' tal-gudizzju l-Ufficcju Kongunt ghandu jigi kjamat in kawza.

Tenut kont tac-cirkostanzi, din il-Qorti hi tal-fehma li l-intimat ma gabx il-prova necessarja ghall-allegazzjoni

tieghu. Ghaldaqstant, din il-Qorti ser tghaddi biex tichad it-talba tieghu ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja.

## III KONKLUZJONI

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad it-talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tal-intimat billi ma gabx ragunijiet tajba biex jiggustifika l-kontumacja tieghu; u tordna l-prosegwiment tal-kaz.

**L-ispejjez jigu decizi mal-gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**26 ta' Jannar 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Jannar 2017**